**A.L. 51 ta' l-2003**

**ATT DWAR L-EDUKAZZJONI**
**(KAP. 327)**

**Ir-Regolamenti ta' l- 2003 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-PostQualification Diploma in Health Science - PQ Dip. H.Sc. - u għall-Grad ta' Master of Health Science - M.Sc. (Health)**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

**Titolu**

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-2003 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-PostQualification Diploma in Health Science - PQ Dip. H.Sc. - u għall-Grad ta' Master of Health Science - M.Sc. (Health) u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-Kors għall-PostQualification Diploma in Health Science - PQ Dip. H.Sc. - u għall-Grad ta' Master of Health Science - M.Sc. (Health), 1998 - ippubblikati bħala Avviż Legali 244 ta' l-1998, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

**Applikabilita'**

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2002 jew wara.

**Emenda għar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali**

3. Minflok il-paragrafu (3) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(3) Biex ikun eliġibbli biex jirreġistra għad-Diploma kandidat għandu:"

4. Minflok is-sotto-paragrafu (a) (ii) tal-paragrafu (3) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(ii) Ikollu kwalifika professjonali rikonoxxuta fix-Xjenza tas-Saħħa magħżula, b'minimu ta' ħames snin esperjenza fix-Xjenza tas-Saħħa magħżula, u permezz ta' intervista jissodisfa lill-Bord li għandu l-kapaċitajiet biex itemm il-Kors b'suċċess; jew"

**L.N. 51 of 2003**

**EDUCATION ACT**
**(CAP. 327)**

**The PostQualification Diploma in Health Science - PQ Dip.H.Sc. - and the Degree of Master of Health Science - M.Sc. (Health) - Course (Amendment) Regulations, 2003**

IN exercise of the powers conferred upon him by sections 30 (5) and 31 (6) of the Education Act (Cap. 327), the Chancellor of the University of Malta has promulgated the following regulations made by the Senate of the University of Malta by virtue of the powers conferred upon it by sections 31 and 35 of the said Act:

**Citation**

1. These regulations may be cited as The PostQualification Diploma in Health Science - PQ Dip.H.Sc. - and the Degree of Master of Health Science - M.Sc. ( Health) - Course (Amendment) Regulations, 2003 and shall be read and construed as one with The PostQualification Diploma in Health Science - PQ Dip.H.Sc. - and the Degree of Master of Health Science - M.Sc. (Health) - Course Regulations, 1998, published as Legal Notice 244 of 1998, hereinafter referred to as "the principal regulations".

**Applicability**

2. These regulations shall apply to courses starting in October 2002 or later.

**Amendment of regulation 3 of the principal regulations**

3. For paragraph (3) of regulation 3 of the principal regulations there shall be substituted the following:

"(3) A student shall be eligible for registration for the Diploma if he:"

4. For sub-paragraph (a)(ii) of paragraph (3) of regulation 3 of the principal regulations there shall be substituted the following:

"(ii) is in possession of a recognised professional qualification in the chosen Health Science, has a minimum of five years' experience in the chosen Health Science, and satisfies the Board through an interview that he can complete the Course successfully; or"